**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 17 laqgħa kontinwazzjoni, miżmuma nhar il-Ħamis 11 ta' Gunju, 2020 fis-5.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija.

Mariella Strout 11 ta' Gunju, 2020
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Carlos Zarb Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Skużati

M' hemm ħadd skużat.

Il-Kunsilliera Graziella Galea infurmat lil Kunsill li hija kienet qed tirrekordja il-laqgħa u anke il-laqgħat oħra futuri tal-Kunsill.

**17.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**17.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (12)(13)(14)(15)**

Dan item ġie konkluz waqt laqgħa tal-Kunsill numru 16

**17.3 Punti mill-minuti**

Dan item ġie konkluz waqt laqgħa tal-Kunsill numru 16

**17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

**PA 7499/16**

Il-Kunsill irċeva korrispondenza mingħand l-Awtorita ta' l-Ipjannar li ġew sottometti pjanti ġodda fuq din l-istess applikazzjoni.

**Inċeneratur tal-Magħtab**

Is-Sindku informa lil Kunsill li kien ġie mistieden jipparteċipa fil-laqgħa msejjħa mil-Kunsill ta' Naxxar fejn kien diskuss l-Inċeneratur tal-Magħtab. Il-parteċipazjoni tas-Sindku u l-konsiderazzjonijiet diskussi kienu opinjonijiet personali tiegħu minħabba li suġġett għad irrid jiġi diskuss mill-Kunsill. Il-Minuti ta' din il-laqgħa ġew mogħdija lil Kunsilliera.

**Rikjesta ta' Hawker**

Il-Kunsill irċieva rikjesta dwar skoll (hawker) fil-Qawra. Ġie deċiz li jekk min għamel ir-rikjest diġa għandu il- permessi necessarji mid-dipartiment ta' trade ma hemmx bzonn permess mingħand il-Kunsill.

**Rikjest għal culvert f'Triq San Pawl**

Il-Kunsill irċeva rikjest sabiex issir culvert quddiem in-niċċa tal-Madonna f' Triq San Pawl. Il-kostruzjoni ta dan il-culvert ser is-servi sabiex jitqeddu il wires ta' dawl. L-ispejjes għal dan ix-xogħol ser jiġu koperti min l-individwu. Il- Kunsill qabel ma rikjest sakemm jinġiebu il-permessi kollha meħtieġa

**Gal Majjistral -Mizura 2 ,3 u 4**

Il-Kunsilliera Graziella Galea id-dikjarat li hija membru fil-bord Gal-Majjistral.
Il-Kunsill ingħata presentazjoni dwar il-kontenut propost ta' kull Mizura, fosthom li issir open gym fil-Millenium Garden, konservatorju fil- miftuħ ta' pjanti ndigini - *Green Infrastructure* u jiġu organizatti attivitjiet kulturali. Is-Sindku irringrazja lil Kunsillier Mario Salerno u propona li l-Viċi Sindku ikun involut fil-Mizura relata ma attivitajiet kulturali. Il-baġit allokat għal dawn il-Mizuri huwa kif imnizzel f'kull applikazjoni.
Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu sottometi l-applikazjonijiet.

17.40- wasal il-Kunsillier Anthony Angelo Attard

**17.5 Item: PA Development Fund – Applikazzjoni Sirens A.S.C. (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Il-Kunsill irċiva korrespondenza mingħand Sirens A.S.C fejn infurmaw lil Kunsill li kienu ser jirrtiraw l-applikazjoni li kienet intbagħtet lil Kunsill fejn saret talba għal PA Development

Projects Funds sabiex jittranga il-moll. Din l-applikazjoni kellha bzonn l-approvazjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku faħħar il-ħsieb nobli wara dan il proġett fejn ser igawdu minnu residenti tal -lokalita u ħeġġeġ sabiex entitajiet oħra jieħdu l-istess inizjativa. Dan il-ħsieb ġie sekondat min Kunsilliera Graziella Galea.

Il-Kunsill irikonoxxa li din il-korrepondenza.

**17.6 Item:Xoghol ta' Patching (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Ingħatat spjegazjoni dwar ix-xogħol ta' road patching li huwa proġettat li jsirr madwar il-lokalita. L-istima għal dan ix-xogħol huwa ta ' €173, 000 esklużil-Vat. It-toroq imsemmija fejn ser issiru l-interventi huma;

- Sant'Aristarku
- Korp tal-Pijunieri (fin-nofs tad-dawra)
- Telghet Bognor (minn sant'Antnin 'l isfel)
- Triq Mosta/ Triq San Pawl (diversi patching)
- Triq San pawl il-parti t'isfel – minn Stuart Marine

Il-Kunsill ġie infurmat li f'xi inħawi imsemmija hawn fuq hemm bzonn patching ta' iktar 50 metru qwadru.

Il-Kunsill approva xogħolijiet u l-ispiza sabiex isiru xogħolijiet.

Ġew proposti numru ta' toroq fejn hemm bzonn issiru road patching; Triq il-Paci,Triq Kaħli , Triq l-Imrejkba, Triq il-Ballut Wardija , Triq l-Imbordin fuq ġewwa, Triq ir-Ridott, Triq is-Simar, Triq il-Baħħara, Triq il-Klamari, Triq il-Melh, Triq tax-Xtut, Triq il-Boxxla, Triq Jean de la Vallette.0

Ġie spjegat li Triq il-Kaħli hemm bzonn intervent sabiex jinbidel id-dranaġġ li jibqa sejjer sal-Pwales. Inħareġ Tender mill-entita' Infrastructure Malta sabiex issiru interventi fi dranaġġ madwar Malta.

Triq l-Imrejkba kienet parti min toroq imsemija li kellha issir min Infrastracture Malta izda ma sarietx

Il-Kunsill qabel li issir xogħol skond il-prijorita'

Il-Kunsill approva ukoll li dawn ix-xogħolijiet isiru skond il-prijorita'

**<u>17.7 Item: Siti fil-Lokalita (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)</u>**

Saret diskussjoni dwar siti madwar il- lokalita li qedin f'stat ta' telqa. Dawn is-siti qedin ikunu ta' attrazjoni sabiex jintefa skart ġo fihom. Għalhekk il-Kunsill qed jipproponi bi qbil mas-sidien li jitnaddfu mill-Kunsill nifsu u jintużaw bħala parkeġġi għall-vetturi mhux kummerċjali u anke jkunu ta' użu għal xi bins on wheels fejn hemm bżonn. Hemm qbil fil- prinċipju u se ssir ħidma sabiex jinstabu minn huma is-sidien. Din l-informazjoni għanda tiġi migbura mill-Kunsilliera. Ġie suġġerit li issir public private partnership ma dawn is-sidin sabiex dawn is-siti ikunu jistaw jintuzaw bħala parkeġġ bi ħlas. Ġie ssuġġerita ukoll li jsiru xi reklami f'dawn il-parkeġġ

Il-Kunsill qabel li din l-informazjoni tinġabar sa laqgħa li jmiss.

**<u>17.8 Item: Retention of Impressa Cassarino (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)</u>**

Ingħatat spjegazjoni dwar il-Mizura 4.3 Fondi toroq rurali. Il-Kunsill kien applika sabiex issiru 8 toroq rurali madwar il-lokalita ta' San Pawl il- Baħar. Min dawn it-tmien toroq saru 7 skont il kuntratti li kienu intrebħu u triq oħra kellha tiġi konkluza min Infrastuttura Malta.

Il- Kuntrattur li ħadem fuq 3 min dawn it-toroq qiegħed jitlob il-flus ta' Retention Money lura. L-Aministrazzjoni ta' Kunsill proċessat dan il-pagament izda meta intbagħtet il-Line Ministry, l-uffiċju tal-Kunsill ġie nfurmat li ma kienx hemm bizejjed flus kont tal-Bank Ċentrali li kien

infetaħ sabiex jintuza mill Mizura 4.3. Ġie spjegat lil Kunsill ili l-proċedura ta' din il-Mizura hija li meta il-Kunsill jirċievi l-invoices u l-irċevuti dawn jiġu claimed mingħand ARPA. Min naħa tagħha l-ARPA t'kredita il-kont li hemm f'Central Bank. Sa issa saru tlett claims f'Septembru 2019 ta' invoices u rċevuti li kellu il-Kunsill izda l-ARPA għada ma kreditatx il-kont.

Il-Kunsill ġie infurmat li dan il-kuntrattur jista jieħu passi legali kontra il-Kunsill.

Il- Kunsill qabel li dawn jitħallsu mil-fondi tal-Kunsill u jintalab rimbors mill-ARPA. Qabel ma jsirr dan il- Kunsill talab li jistaqsi għal parir lil-avukat tal-Kunsill.

**17.9 Item:Depoziti ta' Garanziji (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

L-uffiċju amministattiv intalab jgħati rendikont ta' fuq id-dipoziti ta' garanziji li kien hemm f'safe tal-Kunsill. Meta sar ir-rendikont instab li kien hemm diskrepanza. Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill qatt ma ġie infurmat b'dawn il-130 ewro li imorru lura allegament għal April u Mejju 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat is-sitwazzjoni ta' kif sabitha hi f'Gunju 2018. L-ex Sindku Anne Marie Fenech spjegat li hija kienet infurmat lil Kunsill b'diskrepanza. L-ex Segretarju Eżekuttiv preċidenti tiġi infurmata b'dawn il-finanzi neqsin.

Il-Kunsill qabel li jitqabbad awditur sabiex jiverifika din diskrepanza.

**17.10 Item: Byelaw konsum ta alcohol fil-lokalita'**

Ġiet prezentata Bye-law dwar il-konsum ta'l -alkoħol f'postijiet pubbliċi f'lokalita. Is- Sindku nforma lil Kunsill li kienet waslet korrispondenza mingħand ic-Chamber of SMEs u mingħand MHRA. Il-korrespondenza ġiet prezentata u moqrija waqt il-laqgħa. Iz-zewġ entitajiet sostnew l-appoġġ tagħhom favur din l-inizjativa.

Kull Kunsillier inagħta il-ħin jesprimi il-fehma tiegħu dwar l-introduzjoni ta' din il-Byelaw. Kien hemm qbil li din għanda tiġi introdotta izda ma kienx hemm qbil dwar jekk għandiex tiġi f'seħħ kif prezentata jew jekk issirux emendi sabiex tissaħaħ.

Il-Kunsillier Paul Bugeja sejjaħ mozzjoni, fejn ġiet sekondata min Kunsillier Alfred Bray. Ġie propost sabiex jinħatar Bord fejn ir-rwol tiegħu ikun li jitlob il-pariri ta' entitajiet. Dan il-Bord għandu jagħti il-konkluzjonijiet sa l-aħħar ta' Lulju.

Is-Sindku sejjaħ kontra mozzjoni sabiex il-Bye law tagħdi kif giet presentata.

It-tieħdet votazzjoni dwar il-proposta kif prezentata min Kunsillier Paul Bugeja.

Favur: Kunsillier Paul Bugeja, Alfred Bray, Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Anthony Angelo Attard, Antionette Bezzina, Anthony Delia

Kontra: Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsillier Mario Salerno, Carlos Zarb, Chris Vella Petroni u Stephen Cremona.

Il-mozzjoni għaddiet.

Kien hemm qbil ili Bord ikun ifurmat min Chairperson indipendenti Sur Charlie Galea- Membri tal-Bord Vici Sindku Daryl Connor, Kunsillier Carlos Zarb, Graziella Galea Anne Marie Fenech.

**17.11 Item:Policy – Traffic Mirrors (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

Kien hemm qbil li dan is-suġġet jiġi diskuss waqt laqgħa oħra

**17.12 Item:Policy – Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti / servizzi(Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xoghol li fadal mill-laqgha ta' qabel)**

**Skeda tal-pagamenti**

Intalbet spjega dwar il-pagament 435a. Dan il-pagament kien jirrelata ma kont ta' telefonati li kienu qed issir waqt iz-zmien Covid-19. Il-kumpanija spjegat il-call transfer fuq il-mobile tal-ħaddiema kien qed jitqis bħala outgoing calls.

L-iskeda ta' pagamenti għaddiet kif prezentata

**Gradilja**

Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm gradilja f'Triq il-lixka li kellha bzonn tinbidel b'modd urgenti minħabba il-periklu. Inħarġet sejjħa ta' offerti. Il- Kunsill qabel li tintazel l-irħas offerta.

**Litter Bins**

Il-Kunsill gie nfurmat il kienet ħarget sejjħa sabiex jinxtraw litter bins għall-pjazza u l-madwar.

Aparti din is-sejjħa il-Kunsill qed jistenna smart bins għall-promenade. Il- bins li hemm ser jinqalgħu u jitpoġġew x'imkien ieħor. Saret rikjesta' sabiex jinbidlu xi bins fil-Wardija.

Kien hemm qbil li zewġ offerti jintlaqaw, kif ukoll li bins il-ġodda ikunu ta' kuluri varji.

**Gym Equipment**

Il- Kunsill ġie nfurmat li ħarget sejjħa sabiex jinxtara open gym equipment. Il- fondi ta' dan il- gym equipment ser jiġu rimborsati min MTA

**17.13 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-Laqgħa li jmiss ser ssir nhar t-2 ta' Lulju, 2020 fil-5.30pm

_________________ ____________________

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |